MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
GINO CAMILLERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1128/1999/1

**Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-Socjeta’ estera Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard Limited**

**vs**

**1. Seamalta Company Limited
2. The Cargo Handling Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici propio et nomine ppremettiet:

Illi fit-18 ta’ Mejju 1998 is-socjeta Michael Attard Limited importat gewwa Malta fuq il-bastiment MV Nicholas A konsenja ta' vetturi Peugeot liema konsenja giet

ikkonsenjata lill-assikurat tal-attur bid-danni u nuqqasijiet spjegati fid-Dokument 'A' (Survey report);

Illi ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tad-danni li sofra u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat;

Illi l-attur jikkwantifika d-danni fil-merkanzija de quo fl-ammont ta' elf, mija u disghin lira u tlettax –il centezmu (Lm1190.13) li maghhom jizdied l-ammont ta' tnejn u sebghin lira (Lm72) bhala survey fee ghalhekk danni totali sofferti mill-atturi fl-ammont ta' elf mitejn u tnejn u sittin lira u tletax-il centezmu (Lm1262.13);

Illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenuti jew minn minnhom responsabbli ghad-danni u nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm1262.13;

3. tikkundanna lill-konvenuti, jew minn minnhom, ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm1262.13 bhala danni sofferti mill-attur li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom;

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici propio et nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta'l-eccezzjonojiet tas-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited fejn gie eccepit :-:

Fl-ewwl lok, u fi kwalunkwe kaz, id-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheet rilevanti, kopja ta' liema hi hawn annessa u mmarkata Dokument "B";

Fit-tieni lok il-klawsola tal-ezoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta' liema l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni reklamtati;

Fit-tielet lok li t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi michuda;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha; .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited fejn gie eccepit :

Illi preliminarjament ghandhu jigu ppruvat li n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici sehhew waqt illi l-merkanzija mertu tal-vertenza odjerna kienet taht il-kontroll assolut u s-supervizjoni tas-socjeta' konvenuta u li l-istess merkanzija giet ikkonsennjnata lis-socjeta' konvenuta ezenti mill-istess nuqqasijiet;

Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' konvenuta m'hijiex responsabbli ghall-hsarat u n-nuqqassijiet detotti fic-citazzjoni attrici stante li hija qdiet l-obbligi kollha imposti fuqha mil-ligi;

Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni dedotti fic-citazzjoni attrici huwa eccessiv u ghaldaqstant ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont;

Illi fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda imghax ma hu dovut stante li s-socjeta' konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta' danni u li siccome din si tratta ta' kawza ta' danni, il-

likwidazzjoni ta’ l-ammont dovut tigi determinata bis-sentenza finali;

Illi ghaldaqstant in vista tal-premess, it-talbiet attrici, in kwantu diretti kontra s-socjeta konvenuta huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu respinti kontra s-socjeta’ attrici;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici u mis-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-atturi u tas-socjeta konvenuta Sea Malta;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Marzu 2002;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti jirrizulta li fit-18 ta’ Mejju 1998 is-socjeta Michael Attard Limited importat gewwa Malta fuq il-bastiment MV Nicholas A kwantita' ta' vetturi tal-marka Peugeot. Is-socjeta importatrici allegat li diversi mill-imsemmija vetturi gew konsenjati lilha bi hsarat u b'nuqqasijiet kif hemm indikat fis-survey report esibit mis-socjeta attrici bhala dokument 'A';

Is-socjeta attrici assikuratrici, kif kienet obbligata li tghamel bil-polza tal-assikurazzjoni, ndennizzat lill-imsemmija socjeta importatrici ghall dawn il-hsarat u nuqqassijiet u f'dan ir-rigward hallset lill-istess socjeta importatrici s-somma ta'  elf, mija u disghin lira u tlettax il-centezmu (Lm1190.13). B’hekk l-istess socjeta attrici assikuratrici giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-assigurati taghha cioe tas-socjeta importatrici;

Is-socjeta attrici assikuratrici tippretendi li l-konvenuti jew minn minnhom huma responsabbli ghal dawn il-hsarat u nuqqassijiet u ghalhekk qed titlob li l-konvenuti, jew minn minnhom jigu kkundannati jhallsu l-imsemmija somma in linea ta' danni oltre li jhallsu is-somma ta' tnejn u sebghin liri maltin (Lm72) bhala survey fee, b'hekk is-somma komplessiva titla ghal elf mitejn u tnejn u sittin lira u tletax il-centezmu (Lm1262.13);

Is-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited qed teccepixxi li d-danni reklamati ma jirrizultawx mit-"tally sheet" rilevanti. Teccepixxi ukoll li hemm il-klawsola tal-ezoneru kif kontenuta fil-polza tal-karigu u a bazi ta' din il-klawsola s-socjeta eccipjenti mhux responsabbli ghad-danni reklamtati;

Is-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited teccepixxi li s-socjeta attrici trid tipprova li n-nuqqasijiet in kwestjoni effettivament sehhew waqt li l-merkanzija kienet taht il-kontroll tas-socjeta’ konvenuta eccipjenti. Teccepixxi ukoll li l-ammont ta’ danni reklamati hu eccessiv. Fl-ahhar teccepixxi li l-ebda imghax ma hu dovut;

Mit-"tally sheet" li saret meta l-vetturi tnizzlu minn abbord, ma jirrizultax li saru xi rimarki dwar hsarat u nuqqassijiet. Dan qed jinghad b'referenza ghad-dokument esibit a fol.24 tal-process. Konsegwentement ma tirrizulta ebda responsablita' ghar-rigward tas-socjeta konvenuta Sea Malta li ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. B’hekk ukoll mhux il-kaz li jigu esaminati l-eccezzjonijiet l-ohra tal-istess socjeta konvenuta Sea Malta;

Mill-"Gate Pass Out" (fol.13), cioe' mid-dokument li jigi rilaxxat meta l-merkanzija tinhareg mid-Dwana u tigi konsenjata lill-importaturi u liema dokument hu iffirmat mir-rappresentant tas-socjeta konvenuta Cargo Handling u mir-rappresentant tas-socjeta importatrici, ghar-rigward tal-vetturi in kwestjoni gew innotati xi hsarat u nuqqassijiet. Dawn huma "one rear wing and one front bumper scratched. Two c/lighters, two hand books, two

front wipers, five aerials, twelve hub caps - missing". A bazi ta' dan id-dokument is-socjeta konvenuta Cargo Handling ghandha titqies responsabbli pero' limitatament ghal-hsarat u nuqqassijiet li huma indikati fl-istess dokument. Dawn il-hsarat u nuqqassijiet sehhew meta l-vetturi kienu fil-pussess u taht il-kontroll tal-istess socjeta konvenuta Cargo Handling;

Jidher li s-socjeta importatrici rreklamat aktar hsarat u aktar nuqqassijiet minn dawk indikati fl-imsemmi Gate Pass Out. Jidher li n-nuqqassijiet u hsarat li mhux innotati fl-imsemmi dokument gew riskontrati wara li l-vetturi ttiehdu mill-pussess tas-socjeta konvenuta Cargo Handling u wara li l-istess vetturi nhargu mid-Dwana. Ghalhekk dawn in-nuqqassijiet u hsarat setghu sehhew meta l-vetturi ma kienux fil-pussess tas-socjeta Cargo Handling, li ghalhekk ma tistax tigi ritenuta responsabbli ghal dawn il-hsarat u nuqqassijiet ulterjuri;

Mid-dokument esibit a fol.6 et seq jirrizulta li l-ispejjez sabiex issewwew il-hsarat u sabiex gew rimpjazzati n-nuqqassijiet indikati fil-Gate Pass Out, inkluz ix-xoghol relattiv, jammontaw komplessivament ghas-somma ta' Lm415.09 u cioe :

"one rear wing scratced" - Lm180
"one front bumper scratched" - Lm30
"Two c/lighters missing" - Lm11.50
"Two hand books missing" - Lm20.40
"Two front wipers missing" - Lm11
"Five aerials missing" - Lm28.75
"Twelve hub caps missing" - Lm133.44

Total - Lm415.09

L-ammont reklamat bhala spejjez tas-survey m'ghandhomx jigu inkluzi fid-danni;

Fid-dawl ta' dan kollu s-socjeta konvenuta Cargo Handling ghandha titqies responsabbli ghal hsarat u nuqqassijiet li huma innotati fil-Gate Pass Out u d-danni relattivi

ghandhom jigu likwidati fis-somma ta' erba mija u hmistax liri maltin u disa' centezmi (Lm415.09);

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tillibera s-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited mill-osservanza tal-gudizzju u billi fit-tieni lok tiddikjara l-konvenuti The Cargo Handling Company Limited responsabbli ghad-danni u nuqqasijiet fil-merkanzija in kwestjoni; tillikwida d-danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta attrici u li ghalihom hi responsabbli s-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited fis-somma ta' erba mija u hmistax liri maltin u disa' centezmi (Lm415.09) u tikkundanna lill-istess socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited thallas lis-socjeta attrici assikuratrici bhala surrogata fid-drittijiet tas-socjeta importattrici l-imsemmija somma ta' Lm415.09 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Sspejjes jithallsu bin-nofs bejn is-socjeta attrici assikuratrici u s-socjeta konvenuta Cargo Handling b'dan li l-ispejjez tas-socjeta konvenuta Sea Malta ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta attrici assikuratrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------